



## Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, id-9 ta' Jannar 2018

### L-awdituri jipubblikaw dokument ta' sfond dwar miżuri tal-UE għat-trattament xieraq tal-annimali

Illum, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) ippubblikat Dokument ta' Sfond dwar l-azzjoni meħuda mill-UE biex tinkiseb konformità mal-leġiżlazzjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali u biex isir titjib fil-koordinazzjoni bejn l-attivitajiet relatati mat-trattament xieraq tal-annimali u l-Politika Agrikola Komuni. Dokumenti ta' Sfond jipprovdu informazzjoni dwar kompitu tal-awditjar li jkun għaddej, u jinħarġu wara li jiġi għall-awditu. Huma intenzjonati li jkunu sors ta' informazzjoni għal dawk interessati fil-politika u/jew fil-programmi li jkunu qed jiġu awditjati. Kull Dokument jinkludi taqsima li fiha l-partijiet interessati jiġu mistiedna jikkuntattjaw lit-tim tal-awditjar permezz ta' indirizz tal-email iddedikat, bil-għan li jkun hemm approċċ aktar interattiv.

Id-Dokument tal-lum huwa bbażat fuq xogħol li qed isir għal awditu dwar l-effettività tal-azzjoni tal-UE relatata mat-trattament xieraq tal-annimali. L-awditu huwa limitat għal annimali li huma parti minn azjendi agrikoli, u li għalhekk huma s-suġġett tal-biċċa l-kbira mil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE. Huwa stmat li fl-UE l-ammont ta' tiġieġ, tiġieġ tal-bajd, u dundjani jlaħħaq l-4.5 biljun filwaqt li l-ammont ta' baqar, ħnieżer, mogħoż u ngħaġ ilaħħaq madwar 330 miljun. Minbarra t-tul ta' ħajja tal-annimali fl-azjendi agrikoli, l-awditu se jqijs ukoll it-trasport u t-tbiċċir tagħhom.

Għall-perjodu 2014-2020, il-fondi tal-UE għall-iżvilupp rurali allokat għal "pagamenti għat-trattament xieraq tal-annimali" jirrappreżentaw madwar EUR 1.5 biljun. Il-miżuri huma intenzjonati li jħeġġu livelli ogħla ta' trattament xieraq li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi kemm tal-UE kif ukoll dawk nazzjonali.

L-awditu jinvolvi żjarat f'ħames Stati Membri: ir-Rumanija, il-Polonja, Franza, l-Italja u l-Ġermanja. L-awditu qed jitmexxa minn Janusz Wojciechowski, Membru tal-QEA, u huwa mistenni li r-rapport jiġi ppubblikat lejn tmiem l-2018.

*L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tad-dokument ta' sfond mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Id-dokument sħiħ jinsab fuq [www.eca.europa.eu](http://www.eca.europa.eu).*

## ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 691 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu)

@EUAuditors

[eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)